# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 255/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charles Zahra**

Illum 9 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Charles Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 120264(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

<u>fil-25 ta' Mejju 2017 ġewwa Ermington, Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira</u>:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Farima Hassanin f'periklu ċar ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u kkaġunalha ġrieħi ta' natura gravi;

2. ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Fatima Hassanin;

3. bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Fatima Hassanin sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

fil-25 ta' Mejju 2017 u anke matul ix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

4. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Fatima Hassanin biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra d-dixxendenti/axxendenti tagħha;

matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2017 ġewwa dawn il-Gżejjer:

5. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat u/jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih fil-konfront ta' Fatima Hassanin u/jew persuni/entitajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Fatima Hassanin billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li, f'każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provvedimenti ta' Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni, wara li rat Artikoli 17, 31, 202(h), 207[1], 221(1) u

[1] Kif kien fis-seħħ qabel l-emendi li ġew introdotti b'effett tal-Att XIII tal-2018.

222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni biss in kwantu kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa u ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu seba' (7) xhur priġunerija iżda, b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sena mid-data tagħha, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabilitajiet tiegħu taħt Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Billi l-Ewwel Qorti qieset li kien meħtieġ u spedjenti sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Fatima Hassanin ordnat, b'żieda mal-piena, il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-imputat a tenur ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza u dan taħt it-termini u kondizzjonijiet oħrajn elenkati fid-digrieti mogħtija kontestwalment. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma ta' ħames mija u disgħa u għoxrin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€529.99) rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti fil-proċeduri.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabitux ħati tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni; u 2. Tħassarha inkwantu sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant isejjes ir-Rikors tal-appell tiegħu fuq l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u b'mod partikolari dwar xi inkongruwenzi li hemm bejn il-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant u l-*parte civile* kellhom relazzjoni twila ta' madwar għoxrin sena minn liema relazzjoni kellhom tifel li llum għandu l-eta' tiegħu. Jidher li l-ewwel darba li l-*parte civile* telqet mid-dar kien fis-sena 2016 u wara ftit reġgħet marret lura għal xi żmien u reġgħet telqet fis-sena 2017. Jidher li l-partijiet xorta żammew forma ta' kuntatt tant li sa ftit ġranet qabel l-allegat fatt, il-*parte civile* mietilha l-kelb u kien l-appellant li mar jgħin u jieħu ħsieb li jitneħħa l-kelb. Hawnhekk il-verżjonijiet jieħdu toroq opposti.

Illi l-appellant jgħid li fil-25 ta' Mejju 2017 mar id-dar tal-*parte civile* sabiex jara fejn kienet sejra r-relazzjoni tagħhom u jekk kienx hemm lok li din tkompli u fin-nuqqas jaqsmu l-affarijiet ta' bejniethom. Huwa jispjega li ħabbat il-bieb tal-*parte civile* u tela' fuq fejn hija waqt id-diskussjoni għamlitlu żewġ kikkri kafé u jgħid li l-konverżazzjoni ddeġenerat, spiċċaw jitgħajjru u li f'dak il-mument huwa qam u telaq il-barra. Da parte tagħha, il-*parte civile* tgħid li hija kienet qed tkellem ġara tagħha f'liema ħin semgħet il-ħoss tal-vettura tal-appellant u li fil-ħin u l-waqt sabitu ma' wiċċha. Tgħid li huwa ġibidha 'l fuq fil-*maisonette* tagħhom u mbuttaha fuq is-sufan. Tgħid li minħabba li kienet liebsa libsa huwa rnexxielu jneħħilha l-ħwejjeġ intimi u f'dak il-mument abbuża minnha billi daħħal subgħajh fil-parti intima tagħha. Tkompli tgħid li huwa gidimha wkoll fuq sidirha u li, qabel ma ħareġ, huwa ġibed lasta ta' xkupa u l-ewwel ta daqqa fuq ix-xambrella u wara ta daqqa lilha fuq żaqqha.

Illi jidher li l-appellant kien ċempel lit-tifel u nfurmah li kien iġġieled ma' ommu u f'dak il-mument it-tifel ċempel lil ommu u,

x'ħin ra li s-sitwazzjoni kienet gravi, telaq mix-xogħol u mar id-dar. It-tifel qal li huwa ċempel lil missieru u dan qallu li huwa pprova jkollu x'jaqsam mal-*parte civile* (liema fatt ġie miċħud mill-appellant). Jidher li t-tifel akkumpanja lil ommu għand il-Pulizija fl-istess jum u hija tkellmet mas-surġent tal-Pulizija u minħabba li hija kienet kandidata għall-elezzjoni talbet li jieqaf kollox hemm. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-*parte civile* la marret għand tabib, la għandha ċertifikat u lanqas għandha ritratti tal-ġrieħi. Il-ġurnata ta' wara, oħt il-*parte civile* ġiet infurmata bil-fatti u hija marret għand oħtha fejn rat it-tbenġil u l-ħmura tal-gidma fuq sidirha. Hija ċemplet lill-appellant u kien hemm ġlieda bejniethom fejn skont hija huwa beda jidgħi u skont l-appellant hija qaltlu joqgħod il-bogħod minn oħtha. Is-surġent kellem lill-appellant u qallu sabiex joqgħod il-bogħod mill-*parte civile* u jidher li huwa ma daħħalx ir-rapport fis-sistema. Il-*parte civile* reġgħet marret l-Għassa tal-Pulizija fil-5 ta' Ottubru 2017 u din id-darba għamlet rapport formali u żiedet li kienet qed tirċievi telefonati anonimi.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-verżjoni mogħtija minnu hija kostanti b'differenza minn dik tal-*parte civile* u jgħid li kollox jorbot mal-kredibilita' tal-*parte civile*. B'mod partikolari jsemmi s-segwenti:

- il-*parte civile* ma semmiet xejn dwar ix-xeba' li kienet qalgħet meta marret tirrapporta l-Għassa l-ewwel darba;

- kif ippretendiet il-*parte civile* li tiġbor kopja tar-rapport illi kienet hi stess ordnat li ma kellux jiddaħħal fis-sistema?;

- lill-Pulizija l-*parte civile* qaltilhom li semgħet il-ħoss tal-vettura tal-appellant waqt li fid-depożizzjoni tagħha quddiem il-Qorti tgħid li sabitu ma wiċċha';

- il-*parte civile* qalet lill-Pulizija li l-appellant kien imbuttaha u ġibidha minn idha bis-selvaġġ waqt li fil-Qorti ma ssemmi xejn;

- fil-Qorti l-*parte civile* tgħid li l-appellant beżqilha waqt li kien qiegħed fuqha u lill-Pulizija hija qaltilhom li f'ħin minnhom hu qam minn fuqha jonfoħ u huwa beżiqlha f'wiċċha meta staqsietu għalfejn kien għamlilha hekk;

- meta l-*parte civile* xehdet fil-Qorti hija qalet li meta marret tagħmel ir-rapport, it-tifel baqa' fil-vettura pero' s-surġent qal li t-tifel daħal ġewwa l-Għassa tal-Pulizija;

- minkejja dak li allegatament ġara u minkejja l-fatt li t-tifel jgħid li qata' il-kuntatti miegħu (mal-appellant), il-messaġġi juru differenti;

- minkejja li jissemmew xi xhieda oħra, dawn ma ġewx prodotti.

**Ikkunsidrat**

Illi tajjeb jiġi mfakkar x'inhu r-rwol ta' din il-Qorti. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, din il-Qorti ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat *ossia* l-appellant ikunx ħati jew le teħodha l-Ewwel Qorti, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdu Artikoli 428(3) u 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża.[2]

Illi f'dan il-każ l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi bejn żewġ verżjonijiet kuntrastanti mingħajr is-suffraġju li seta' jagħti ċertifikat mediku jew tal-inqas ritratti tat-tbenġil. Minkejja dan tajjeb jiġi imfakkar li mhux dejjem huwa meħtieġ ċertifikat mediku

[2] Ara **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia** (Numru 17/2022) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Diċembru 2022.

sabiex jiġi stabbilit li kien hemm xi forma ta' vjolenza. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Jingħad li huwa daqstant possibbli tipprova feriti fuq il-persuna mingħajr ebda referenza għal ċertifikat mediku u dan kif mistqarr fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** deċiża nhar l-20 ta' Lulju 2014. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Stephen Zahra** deċiża wkoll minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-18 ta' Ġunju, 2001 ġie ritenut li:-
>
> > *"Mill-banda l-oħra mhux korrett dak li donnu qed jippretendi l-appellant, u ċioè li mingħajr ċertifikati mediċi ma tistax tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li tkun saret offiża fuq il-persuna. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva diversi drabi, tali ċertifikati jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi determinat jekk l-offiża hix waħda gravi jew gravissima, jew addirutura jekk hemmx offiża (ħafifa, gravi jew gravissima); pero' dawn iċ-ċertifikati m'humiex f'kull każ assolutament meħtieġa: il-prova tal-offiża u tan-natura ta' tali offiża tista', f'ċerti każijiet, issir anke permezz tad-depożizzjoni jew depożizzjonijiet ta' persuni li mhux tobba jew paramediċi.""*

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċċitat. Stabbilit dan, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ dak imsemmi fir-Rikors tal-appell tal-appellant u li ġie elenkat aktar 'il fuq.

**Ikkunsidrat**

- **L-appellant jgħid li l-verżjoni mogħtija minnu hija kostanti b'differenza minn dik tal-*parte civile***

Illi l-Qorti tinnota li huwa normali li persuna li tkun qed tixhed f'mumenti differenti tagħti verżjonijiet b'xi dettalji nieqsa jew b'xi dettalji li ma jkunux eżattament l-istess. Minn naħa l-oħra wieħed jista' jkun kostanti kemm fil-verita' kif ukoll fil-gideb. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-**verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċioè l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta."

Illi għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-konsistenza *o meno* tal-partijiet mhux bil-fors sejra twassal għal deċiżjoni ta' ħtija jew sabiex jiġi liberat il-persuna mixlija. Bil-kontra ta' dak li jimplika l-appellant, dan il-każ ma jorbotx biss fuq dak li tgħid il-*parte civile* għaliex minkejja li l-protagonisti ta' dan il-fatt jmeru lil xulxin, hemm provi ċari li l-*parte civile* sofriet xi forma ta' aggressjoni. Dawn il-provi ser jiġu ndikati aktar 'il quddiem.

- **L-appellant jgħid li l-*parte civile* ma semmiet xejn dwar ix-xeba' li kienet qalgħet meta marret tirrapporta l-Għassa l-ewwel darba**

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għad-depożizzjoni mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2019 minn PS 1314 Raymond Ambrogio (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn qal li l-*parte civile* kienet taħt xokk meta marret tkellmu. Il-Qorti tirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn Carmen Hassanin fl-24 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 157 *et seq.*) fejn hija kkonfermat

li kien hemm gidma fuq sider il-*parte civile* kif ukoll tbenġila taħt żaqqha u kienet qed tara d-demm mill-parti tagħha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hija evidenza sufficjenti sabiex jiġi determinat li l-*parte civile* fil-fatt kienet vittma ta' aggressjoni u konsegwentement l-argument dwar in-nuqqas li tirrapporta d-dettall ta' tali aggressjoni hija mxejjna.

Illi r-rabta bejn l-aggressjoni u l-appellant isseħħ permezz tax-xiehda mogħtija mit-tifel tal-appellant. Dwar din ix-xiehda, l-appellant juża' l-argument li t-tifel tiegħu kien influwenzat mill-fatt li hu ma kienx iffirma r-rilaxx tal-*baby bond*. Mill-messaggi jidher li din il-kwistjoni qamet fi Frar 2018 (*a fol.* 243 u 243 *tergo*). Iżda jidher li sussegwentement kien hemm messaġġi mit-tifel indirizzati lil missieru li jħobbu (*a fol.* 241 u 241 *tergo.*). Għalhekk dan l-argument ser jiġi mwarrab.

Illi dwar l-argument relatat mal-fatt li s-surġent Ambrogio ma ndunax bil-ġrieħi tal-*parte civile*, il-Qorti tinnota li l-appellant ta daqqa waħda fuq żaqq il-*parte civile* u l-gidma u l-vjolenza fuq il-parti intima kienu x'aktarx mgħottija meta marret titkellem. Iżda minkejja dan, is-surġent Ambriogio xorta nduna li l-*parte civile* kienet b'xokk fuqha. Għalhekk anke dan l-argument tal-appellant huwa mxejjen ukoll. In vista ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-punti mqajjma mill-appellant f'dan ir-rigward ma humiex ta' piż fl-analiżi tal-fatti.

- **<u>L-appellant jistaqsi x'raġuni kellha l-*parte civile* tmur tiġbor ir-rapport meta hija kienet talbet li dan ma jsirx</u>**

Illi għandu jingħad li l-*parte civile* m'hijiex persuna legali u mid-depożizzjoni mogħtija mis-surġent Ambriogio (*a fol.* 79) jidher b'mod ċar li l-*parte civile* xorta ħasbet li għamlet xi forma ta' rapport. Fl-aħħar mill-aħħar, anke jekk dan il-punt huwa kemm xejn konfużjonarju, xejn ma jneħħi mill-fatt li hemm evidenza li hija kienet vittma ta' aggressjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clive Caruana** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Inoltre kif ritenut mill-ġurisprudenza abbraċjata minn din il-Qorti, min ser jiġġudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tiegħu ma jfissirx li ma jistax ikun emmnut f'parti oħra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li tagħmel dan l-eżerċizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-*parte civile*, xorta waħda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat."

Illi meħud dan in konsiderazzjoni u kif ukoll li l-provi mressqa jippuntaw lejn direzzjoni waħda, l-argument in eżami hekk kif imqajjem mill-appellant huwa mingħajr importanza u għalhekk ser jiġi skartat. Tabilħaqq għandu jingħad ukoll li meta wieħed ikun fi stat ta' xokk jista' jkun li ma jifhimx x'ikun qed jiġri eżattament kif ukoll jista' jkun li ma jkunx wiżen tajjeb il-kwistjonijiet kollha.

- **<u>L-appellant isemmi li hemm diskrepanza bejn meta l-*parte civile* qalet lill-Pulizija li semgħet il-ħoss tal-vettura waqt li fid-depożizzjoni tagħha fil-Qorti qalet li sabet lill-appellant ma' wiċċha</u>**

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa d-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* u minkejja li jirriżultalha li hemm xi differenzi żgħar, il-verżjoni mogħtija minnha hija waħda relattivament kostanti. Huwa veru li quddiem il-Pulizija qalet li semgħet il-ħoss tal-vettura tal-appellant, iżda dan xejn ma jneħħi mill-fatt li jista' jkun li hija ġiet maħsuda bil-preżenza tal-appellant. Il-fatt li wieħed jgħaddi bil-vettura mhux bil-fors huwa sintomu li wieħed ser jieqaf. Għandu jingħad ukoll li l-*parte civile* kienet qed titkellem mal-ġara u għalhekk mhux bil-forsi kienet konxja mill-fatt li l-appellant kien qed jersaq ħdejn id-dar tagħha. Minbarra dan, dak imsemmi mill-appellant ma jxejjen xejn mill-provi mressqa li juru li l-*parte civile* ġiet aggredita u li kien hemm relazzjoni bejn l-appellant u tali aggressjoni.

- **<u>L-appellant isemmi li l-*parte civile* qalet lill-Pulizija li l-appellant imbuttaha u ġibidha minn idha bis-selvaġġ waqt li fil-Qorti ma ssemmi xejn</u>**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq dwar id-diskrepanzi fil-verżjonijiet mogħtija u hija tal-fehma, u dana tenut kont ukoll tat-trapass taż-żmien, li dak in eżami msemmi mill-appellant ma jxejjen xejn mill-fatt li hemm xiehda li kollha tipponta lejn il-fatt li l-appellant wettaq dak li l-Ewwel Qorti sabitu ħati tiegħu. Konsegwentement, il-Qorti ser twarrab dan l-argument ukoll.

Illi dwar id-differenza fid-daqs tal-persuni jirriżulta mill-atti proċesswali li l-*parte civile* kienet bil-qiegħda fuq is-sufan u għalhekk riedet ferm aktar saħħa sabiex minn bil-qiegħda timbotta persuna li qed jimbotta bil-piż tiegħu.

- **<u>Hemm differenza fil-verżjoni mogħtija lill-Pulizija dwar is-sitwazzjoni relatata mal-beżqa u l-verzjoni mogħtija fil-Qorti</u>**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan id-dettall ma jneħħi xejn mill-konvinzjoni li għandha din il-Qorti dwar kif seħħew il-fatti. Tenut kont tal-konfużjoni tal-mument huwa normali li jkun hemm ċerta diskrepanzi. Li huwa żgur huwa li l-appellant kien viċin il-*parte civile* stante li laqtilha wiċċha bil-beżqa. Kienx fuqha jew kienx għadu kemm qam ma jxejjen xejn mill-fatt li l-appellant kien f'sitwazzjoni ta' aggressjoni. Minbarra dan hemm terzi li jikkonfermaw li l-*parte civile* kienet fi stat ta' xokk u li kellha tbenġil frisk u gidma. Konsegwentement anke dan l-argument ser jiġi mwarrab. Anke l-kwistjoni relatata man-numru ta' beżqiet ma tbiddel xejn minn dan.

- **<u>L-appellant isemmi li meta l-*parte civile* xehdet fil-Qorti hija qalet li t-tifel baqa' fil-vettura meta hija marret tagħmel ir-rapport mentri s-surġent qal li t-tifel daħal ġo l-Għassa</u>**

Illi frankament dan huwa argument fieragħ għax filwaqt li s-surġent Ambrogio jgħid li ma kienx ċert u jsemmi li ra t-tifel fil-kuritur, il-*parte civile* tgħid li binha għenha tidħol fl-Għassa tal-Pulizija. Huwa evidenti li s-surġent ra lit-tifel tal-appellant huwa u jgħin lill-ommu dieħla l-Għassa. Fil-fatt jgħid li t-tifel daħal sal-kuritur u mkien fix-xiehda tiegħu ma qal li t-tifel baqa' fl-Għassa. Għalhekk hija verosimili d-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* li t-tifel reġa' mar fil-vettura. B'hekk anke l-argument tal-appellant in eżami ser jiġi mwarrab wkoll.

- **<u>L-appellant jargumenta li minkejja dak li allegatament ġara u minkejja l-fatt li t-tifel qal li qata' il-kuntatti miegħu, l-messaġġi juru differenti</u>**

Illi din il-Qorti rat kemm il-messaġġi (SMS's) li kien hemm bejn it-tifel tal-appellant u l-appellant kif ukoll il-messaġġi li kien saru fuq *Messenger* fis-cd (*a fol.* 264A). Jirriżulta li fejn qabel il-25 ta' Mejju 2017 kienu jitkellmu kuljum, wara din id-data hemm waqfa u l-ewwel messaġġ huwa fil-31 ta' Mejju 2017. Dan jaqbel ma' dak li jgħid it-tifel tal-appellant li l-ewwel darba li kellmu kienet xi ħamest ijiem wara. Il-messaġġi fuq *Messenger* jieqfu sa Jannar 2018 u għalhekk din il-Qorti ma tistax tgħid ikomplux. Minbarra dan, l-SMS's bejn it-tifel tal-appellant u l-istess appellant juru li l-ewwel messaġġ li bagħat it-tifel lil missieru kien fl-4 ta' Lulju 2017 (*a fol.* 245). Din il-Qorti żżid tgħid ukoll li mill-messaġġi jidher li r-relazzjoni bejn it-tifel u l-missier kienet reġgħet bdiet fid-19 ta' Ġunju 2017 minħabba li jidher li l-appellant kien sejjer jiġbor it-tifel (*a fol.* 245 *tergo*).

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-verżjoni tat-tifel mhijiex kontradetta mill-messaġġi li kienu jintbagħtu bejn it-tnejn u għalhekk il-kredibilita' tiegħu mhijiex mittiefsa.

- **<u>L-appellant jargumenta li minkejja li jissemmew xi xhieda oħra, dawn ma ġewx prodotti</u>**

Illi l-appellant jilmenta li fil-proċess issemmew persuni oħra li naqsu milli jittellgħu sabiex jixhdu mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti

ma taqbilx mal-appellant minħabba li minkejja li huwa veru li huwa d-dmir tal-Prosekuzzjoni li ttella' l-aqwa prova, il-fatt li ma jittellax jixhed kulħadd ma jirrendix il-proċess ivvizzjat.

Illi r-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonché l-aqwa prova. Iżda jekk l-appellant ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha, il-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li, bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġa' ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-Ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat.[3]

B'hekk anke l-argument in eżami msemmi mill-appellant ser jiġi mwarrab ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement ser tiċħad l-appell imressaq mill-appellant.

[3] Ara **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Ottubru 2022.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Charles Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**